# Mitluf f'Belgrad

Immanuel Mifsud

*Lil Maja Ćuk*

Illum rajtek waħdek, mitluf fit-toroq
li ma jwasslu għal imkien ħlief għall-bidu –
u int il-bidu għadek ma nqlajtx minnu;
għadek hemmhekk iddur bħal tifel żgħir.
Xagħrek bjad, xagħrek ħfief u għadek tfajjel
jittanta l-ewwel pass fuq riġlejn fraġli;
iħażżeż fuq il-ħajt bil-lapes l-iswed
u jibki meta jmutu l-ġugarelli;
ipinġi nies irqaq u rashom kbira;
itenni dak li sema' mill-iskola;
jistaqsi 'l ommu dwar sigriet il-ħajja
biex jiskoprih bil-moħbi mingħand sħabu;
jersaq beżgħan fi mkejjen mhux tant xierqa.

Fittex fil-mappa forsi ssib fejn sejjer
qabel jidlam, qabel titlef il-vista.
Ma jkun ġara xejn jekk tkompli tintilef:
it-toroq kollha jagħtu għal post wieħed.